## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 5 TA' SETTEMBRU, 2001

**Numru: 27**

**Avviz Nru: 1601/00AE**

**Allied Insurance Services Ltd**

**Vs**

**Victor Schembri f'ismu propju kif ukoll bhala ezercitanti tal-Kummerc *that* l-isem Schembri Bros.**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-hlas ta' mitejn u disgha u tletin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm239.80) hlas dovut ghal *premia* fuq poloz ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici favur il-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha ddikjaraw li t-talba ghandha tigi michuda peress li m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici fl-20 ta' April 2001 li permezz taghha rrinunzjat ghas-sorte b'dan li zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra l-verbal tas-26 ta' Jannar 2001 li permezz tieghu l-konvenut irtira l-eccezzjoni li m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici, u ddikjara li ebda hlas mhu dovut stante pagament.

Ra l-atti tal-kawza u l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Lulju 2001 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ikkunsidra:

1. Skond ix-xhieda ta' Stephen Camilleri (rapprezentant tas-socjeta attrici) moghtija fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2001, il-konvenut kellu jhallas is-somma ta' Lm239.80 in konnessjoni ma' numru ta' polizzi ta' assigurazzjoni li ghandu mas-socjeta attrici. Ix-xhud esebixxa wkoll prospett tal-hlas pretiz mis-socjeta attrici u kkonferma li sa dakinhar il-hlas kien ghadu dovut.
2. Min-naha tieghu l-konvenut fil-mori ta' dawn il-proceduri biddel il-linja ta' diviza u kkontesta t-talba fis-sens li kien hallas.
3. Fl-20 ta' April 2001 is-socjeta attrici rrinunzjat ghat-talba taghha ghall-hlas ta' Lm239.80.
4. L-oneru tal-prova huwa fuq id-debitur. Il-konvenut ma ressaq ebda prova, u ma jirrizultax li l-hlas kien diga' sar meta gew intavolati dawn il-proceduri fid-29 ta' Settembru 2000.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi din il-kawza billi filwaqt li jastejni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tas-socjeta attrici ghall-hlas ta' Lm239.80 kif fuq deskritt, jikkundanna lill-konvenut sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri (eskluzi d-dritt ta' l-avukat u/jew tal-prokuratur legali u dan ghat-tenur ta' l-Artikolu 10(2) tal-Kap. 380).

**Avukat Anthony Ellul**
**Gudikatur.**